

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2018 – Buck vs EUIPO – Unger Holding (BUCK)**(Kawża T-311/18)**

(2018/C 240/65)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Društvo za proizvodnju inženjering i usluge Buck d.o.o. (Belgrade, is-Serbja) (rappreżentant: I. Lázaro Betancor, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Unger Holding GmbH (Herne, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea fir-rigward tat-trade mark figurattiva “BUCK” bil-kulur abjad u aħmar – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 218 386 li tindika l-Unjoni Ewropea

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 1024/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 47(2) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2018 – Dentsply De Trey vs EUIPO – IDS (AQUAPRINT)**(Kawża T-312/18)**

(2018/C 240/66)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Dentsply De Trey GmbH (Konstanz, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Clark, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: IDS SpA (Savona, l-Italja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "AQUAPRINT" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 272 407

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Frar 2018 fil-Każ R 1438/2017-2

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ħlief sa fejn il-Bord tal-Appell qies li l-prodotti kienu identiċi/simili u li l-pubbliku rilevanti huwa speċjalizzat fil-qasam dentali;
- tikkundanna, skont l-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, lill-EUIPO u lill-intervenjenti, jekk ikun il-każ, għall-ispejjeż sostnuti minn Dentsply fil-proċedura preżenti;
- temenda d-deċiżjoni anki f'dak li jirrigwarda l-kundanna għall-ispejjeż u tordna, skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, lill-EUIPO jikkundanna lill-intervenjenti li tilfet għall-ispejjeż sostnuti fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell u d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001;
- Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 2017/1001.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2018 – Hashem u Assi vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

(Kawża T-314/18)

(2018/C 240/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorreni: Hashem Asad Mohammad Hashem (Amman, il-Ġordan), Souhair H. B. Assi (Amman) (rappreżentanti: R. Vallina Hoset, A. Sellés Marco, C. Iglesias Megías u A. Lois Perreau de Pinninck, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni responsabbli għad-danni mhux kuntrattwali u tikkundannah iħallas kumpens għad-danni subiti mir-rikorreni bħala riżultat tal-azzjonijiet u tal-ommissjonijiet kollha tiegħu li wasslu sabiex huma jitilfu l-investimenti kollha tagħhom f'bonds issubordinati ta' BANCO POPULAR ESPAÑOL, S.A.;
- tikkundanna lill-Bord iħallas lir-rikorreni kumpens għad-danni subiti: prinċipalment, tordna r-rimbors tal-investimenti magħmula li jammontaw għal EUR 5 571 434,73 f'azzjonijiet tal-Banco Popular; jew, alternattivament, sussidjarjament, tordna l-ħlas ta' EUR 2 341 142,51;